MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Talba Numru. 129/2015

**Michelle u Paul Grixti**
**ID. 566177M u ID. 415577M**

**Vs**

**Karen Chetcuti**
**ID. 22982M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Frar, 2015 fejn l-atturi talbu `lli l-atturi ghaddew diversi oggetti meta huma kienu fl-operat tal-hanut Qajjenza Mini Market lil konvenuta u kif ukoll inghataw servizzi lil konvenuta li dejjem baqghet inadempjanti fil-hlas taghha ghalkemm interpellata (vide dokument anness mat-talba Dok MG1).

Illi ghalhekk kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-10 ta' April, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tal-10 ta' April, 2015 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u dsatax-il Ewro (€919).

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------